GHARGHUR

# KUNSILL LOKALI GĦARGĦUR

**Triq San Nikola, Gharghur GHR 1162**
**Tel : 2141 4111 Fax : 2141 2626 Mobile : 7941 4111**
**Email : gharghur.lc@gov.mt Website : www.gharghur.gov.mt**

***Minuti tas-sebgha u erbghin laqgha tal-Hames Kunsill Lokali li nzammet fl-Ufficcju Amministrattiv tal-Kunsill nhar il-Hamis 12 ta' Frar 2009 fis-6:00 p.m.***

| ***Prezenti*** | ***Membri*** |
|---|---|
| **Sindku** | Mario Gauci |
| **Kunsillieri** | Pio Fenech |
| | Alfred Muscat |
| | Michael Mifsud |
| **Agent Segretarju** | Mary E Azzopardi |

**Il-Vici Sindku kien skuzat ghax kien ma jiflahx.**

**1 Talba**

**1.1** Il-laqgha bdiet fis-6.00p.m. billi intqalet it-talba.

**2 Approvazzjoni tal-Minuti tal-Laqgha Nru 46**

**2.1** Is-Sindku staqsa jekk xi hadd xtaqx jipproponi xi emendi fil-minuti ta' l-ahhar laqgha tal-Kunsill. Dawn gew emendati u wara approvati unanimament u iffirmati.

**3 Punti mtella' mill-minuti**

**3.1** ***Para 3.1 – Urban Improvement Fund :*** Is-Sindku nforma li konna ktibna lill-MEPA rigward l-Urban Improvement Fund sabiex x-xiri tal-merry go round jigi iffinanzjat minn dan il-fond. Ghalissa qeghdin nistennew risposta. Gie unanimament deciz li naghmlu proposta ohra lil dan il-fond sabiex isiru bankijiet, bins u lanterni godda fil-pjazza.

**3.2** ***Para 3.2 – Triq il-Gdida*** : Is-Sindku nforma li Triq il-Gdida tlestiet minn kollox. Diversi residenti urew l-apprezzament taghhom ghax-xoghol li sar. Rigward il-manholes covers is-Sindku qal li kien waqqaf ix-xiri taghhom peress li dawn ingabu minghand il-WSC kif suppost.

**3.3** ***Para 3.3 – Xelter :*** Il-Kunsilliera Pio Fenech informa li ghadu jrid jitkellem mal-Kappillan.

**3.4** ***Para 3.4 – Barriers :*** Is-Sindku nforma li issa dawn kienu twahhlu u nzebghu wkoll.

**3.5** ***Para 3.5 –Bring in Site:*** Is-Sindku nforma li l-Kappillan kien gie l-ufficcju tal-Kunsill u ikkomferma li hu favur li l-Bring-in-site il-gdida issir fi Triq Emm Perren quddiem il-bitha tas-Sala Parrokkjali. Hu issa ser jiltaqa ma ufficcjali tal-Wasteserv fuq il-post.

**3.6** ***Para 3.6 - Birguma By Pass :*** Is-Sindku nforma li konna ktibna lis-CEO tal-ADT u rcivejna rcevuta tal-ittra taghna.

**3.7** ***Para 3.7 – Fuljett:*** Is-Sindku nforma li l-fuljett se jerga' jahdem fuqu l-Vici Sindku Mark Azzopardi bil-ghan li dan jitlesta fil-futur vicin.

**3.8** ***Para 3.8 – Bozza Triq St Katerina:*** Is-Sindku nforma li din kienet twahhlet pero' ghadha ma gietx ikkonnetjata mal-linja ta' l-elettriku. Konna ktibna u nfurmajna lil Korporazzjoni Enemalta diversi drabi u qeghdin nistennew li jaghmlu dan is-servizz.

**3.9** ***Para 3.9–Hajt tas-Sejjieh fi Triq Ghaxqet l-Ghajn:*** Il-Kunsilliera Pio Fenech u Alfred Muscat infurmaw li kienu taw il-konkos flimkien mal-haddiema tal-IPSL lil hajt tas-sejjieh fi Triq Ghaxqet l-Ghajn. Is-Sur Bruce Zarb kien ukoll gab 2 vjaggi gebel tas-sejjieh, ghas-spejjes tieghu, ghal bini ta' dan il-hajt. Gie deciz li nibghatulu ittra ta' ringrazzjament.

**3.10** ***Para 3.10 – Bankini Triq 31 ta' Marzu:*** L-Agent S.E. ipprezentat l-istima ta' Nicholas Farrugia (€802.40)ink. VAT, materjal u xoghol) sabiex tigi irrangata l-bankini fi Triq 31 ta' Marzu. Din giet unanimament accettata u l-Kunsill approva li jsir ix-xoghol. Gie deciz ukoll li jekk ikun hemm bzonn li jinbidlu xi kurduni dan isir.

**3.11** ***Para 3.11 –Torri Semaforu:*** Is-Sindku nforma li l-madum tal-kcina u tat-toilet flimkien ma l-accessorji kienu nxtraw. Gie unanimament accettata l-istima tas-Sur Tony Borg (€233 ink VAT, materjal u xoghol) sabiex iwahhal il-madum u l-istima tas-Sur Salvu Fenech (€300 ink VAT, materjal u xoghol). sabiex jaghmel il-bank tal-kcina.

**3.12** ***Para 3.12 – Librerija:*** Il-Kunsillier Pio Fenech informa li kien iltaqa' mal -kap ta' l-iskola primarja s-Sin. Miceli u ghamlu data tentattiva ghas-6 ta' Marzu fl-10.00am biex tinfetah il-librerija. Gie unanimament deciz li nordnaw lapida ta' kommemorazzjoni. Il-kunsilliera Alfred Muscat offra li jmur jordnaha hu. Ghandhom jinhargu l-inviti u fost l-ohrajn ser jigu mistiedna d-Direttur tal-Libreriji Pubblici, ufficjali mid-Dipt. ta' l-Edukazzjoni, genituri tat-tfal li bdew jattendu l-iskola primarja, ghalliema tal-kindergarten, l-Kappillan, ghall-kunsilliera, ghall-membri tal-kunsill skolastiku u ghall-librara. Gie deciz li ssir bibita zghira filwaqt li t-tfal tal-Kindergarden jinghataw sett kotba.

***6.45pm - Il-kunsillier Michael Mifsud inghaqad mal-membri tal-kunsill.***

**3.13** ***Para 3.13 – Ktejjeb –Din l-Art Helwa:*** Is-Sindku nforma li kienet saret laqgha li ghaliha kien attenda wkoll il-kunsillier Alfred Muscat flimkien mas-Sur Giljan Bezzina u s-Sur Victor Rizzo. Gie unanimament deciz li l-Kunsill jixtri 1000 kopja bil-Malti u 1000 kopja bl-ingliz. L-1000 kopja bil-Malti se tigi tiswa €840 u se jkun hemm post ghal 2 riklami. Gie unanimament deciz li jekk is-Sur Bezzina bhala awtur ikun irid jaghmel dedika din tista tigi inkluza. Gie unanimament deciz li jkun ahjar jekk ma jkunx inkluz ritratt tal-Kunsillieri fuq il-qoxra ta' wara tal-ktieb izda issir biss riferenza li dan il-ktieb gie ippubblika matul-5 Kunsill Lokali u jitnizzlu l-ismijiet tal-Kunsillieri.

**3.14** ***Para 3.14 – Energy Saving Scheme:*** Is-Sindku nforma li konna applikajna ghas-sistema fotovoltajka ghall-ufficcju tal-Kunsill u issa qeghdin nistennew risposta.

**3.15** ***Para 7.10 – Lokalitajiet Sostenibbli:*** Is-Sindku nforma li kemm hu kif ukoll il-kunsillier Alfred Muscat kienu attendew laqgha bis-suggett ta' lokalitajiet sostenibbli. Gie spjegat li ser ssir kampanja ghar-residenti sabiex dawn jigu mgharrfa dwar l-uzu ta' energija alternattiva kif ukoll kif isir uzu aktar effettiv mill-energina. Gie unanimament deciz li nippartecipaw f'din il-kampanja. Ser jitpoggew zewg strutturi vertikali b'informazzjoni. Wahda ser titpogga fil-pjazza (possibilment fuq iz-zuntier jekk jinkiseb il-permess tal-Kapillan) u l-ohra hdejn Gnien il-Paci fi Triq San Gwann.

**3.16** ***Para 8.1 – Scouts:*** Il-Kunsillier Pio Fenech informa li kienu diga applikaw 35 tifel u tifla li wreq interess li jinghaqdu ma dan il-grupp. Qal li qeghdin nistennew l-ahhar tax-xahar qabel ma jaghmel laqgha ghalihom mal-Kap tal-Assocjazzjoni ta' l-Iscouts. Jekk dan il-grupp jifforma jibdew jiltaqghu fl-ufficcju l-qadim tal-Kunsill fi Triq San Bartilmew.

## 4 Approvazzjoni ta' Pagamenti Pendenti

**4.1** L-Agent SE ipprezentat l-iskeda ta' pagamenti pendenti li kienet tinkludi l-kontijiet li waslu fl-ufficcju tal-Kunsill sad-data tal-laqgha. Il-Kunsill unanimament approva dawn il-pagamenti.

**4.2** Gew ipprezentati l-Management accounts ghax-xahar ta Dicember 2008. Dawn gew approvati unanimament.

## 5 Ilmenti u Suggerimenti

**5.1** Il-Kunsillier Alfred Muscat qal li hu ircieva ilmenti dwar kantina ta' propjeta' fi Triq il-Gdida. Gie innutat li dwar dan l-ilment kien diga sare rapport lid-Dipt. tas-Sanita' Gie unanimament deciz li ghalissa ma jsir xejn aktar pero jekk ikomplu dehlin l-ilmenti l-Kunsill jerga jiddiskuti din il-problema.

**5.2** Talba minn residenta sabiex ssir traffic calming measure fi Triq Mons Luigi Catania (fil-parti d-dejqa). Gie deciz li ghalissa l-Kunsill ikompli jimxi mal-Policy li ma jsirux aktar traffic calming measures.

## 6 Budget 2009/2010

Is-Sindku ipprezenta id-draft budget. Dan gie diskuss u sar qbil li dan jigi approvat f'laqgha ohra sabiex jinghata zmien lill-Kunsillier jiflu aktar fid-dettal dan id-dokument.

## 7 Laqgha tal-Lokalita 2009

Gie unanimament approvat li din il-laqgha se ssir nhar il-Gimgha 27 ta' Frar 2009 fis-7.00pm fis-Sala tal-Kommunita'. Gie deciz li naghmlu l-avvizi necessarji fuq il-website, n-notice boards, fuq il-Gazzetta tal-Gvern u fuq il-Malta Independent. Is-

**Triq San Nikola, Gharghur GHR 1162**
**Tel : 2141 4111 Fax : 2141 2626 Mobile : 7941 4111**
**Email : gharghur.lc@gov.mt Website : www.gharghur.gov.mt**

Sindku ipprezenta id-diskors li ser isir f'din il-laqgha. Dan gie diskuss u sar qbil li dan jigi approvat f'laqgha ohra sabiex jinghata zmien lill-Kunsillier jiflu aktar fid-dettal dan id-dokument

**8 Korrispondenza**

**8.1** Email bid-data tad-9 ta' Frar 2009 minghand l-Onon. Chris Said dwar ittra lis-sindki.

Din l-email giet innotata

**8.2** Email li rcivejna fil-12 ta' Frar 2009 minghand l-Assocjazzjoni ghall-Kunsilli Lokali dwar seminar fuq il-Bumunqar ahmar tal-Palm.

Il-kunsillier Alfred Muscat ser jattendi hu.

**8.3** Email li rcivejna fil-12 ta' Frar 2009 minghand Lily of the Valley Scondary school dwar donazzjoni ta' ktieb ghal-Prize Day taghhom. Gie deciz li naghmlu donazzjoni ta' ktieb ghal din l-attivita'.

**8.4** Email li rcivejna fil-11 ta' Frar 2009 minghand il-Public Transport Directorate fejn dawn infurmawna li r-rotta 560 se tibda titlaq mill-Gharghur.

Din l-email giet innotata. Gie unanimament approvat li Bus Stop ta' Triq San Bartilmew isir ukoll Bus Bay.

**8.5** Ittra li rcivejna fis-6 ta' Frar 2009 minghand is-Segretarjat Parlamentari ghall-Konsultazzjoni Pubblika u Informazzjoni dwar seminar tal-Philips Malta Event li se jsir fis-16 ta' Frar 2009 fis-6.00pm.

Il-Kunsillier Michael Mifsud ser jattendi hu.

**8.6** Diversi korrispondenza li rcivejna bl-email u bil-posta mit-28 ta' Jannar 2009 sal-11 ta' Frar 2009 minghand il-MEPA dwar zvilupp fil-lokalita□.

Din giet innotata.

**9 Materji Ohra u Mistoqsijiet**

**9.1** Is-Sindku nforma li kienet se ssir Co-ordination meeting ghada l-Gimghat 13 ta' Frar 2009 ma l-entitajiet koncernati rigward il-kisi bit-tarmak ta' Triq Santa Katerina. Gie unanimament deciz li l-istima ta' Bitmac Ltd ta' €59,812 (ink l-VAT u l-Management Fee) tigi accettata. Gie deciz ukoll li niccekkjaw mal-Bitmac Ltd kemm titla l-ispiza jekk qabel ma jsir it-tarmak isir scarifying tal-wicc.

Rigward Triq Caravaggio gie unanimament deciz li jsir reinstatement bil-hot asphalt biss ta' fejn hemm verament il-htiega.

**9.2** Is-Sindku nforma li l-kumpanija Go plc kienu baghtulna cekk ta' l-ammont ta' €2000 bhala donazzjoni ghal manutenzjoni ta' Gnien il-Paci skond il-ftehim milhuq.

**9.3** Il-Kunsillier Alfred Muscat ippropona li is-servizz tal-Green Wardens ghandna nergghu nibdew inhaddmuh. Gie unanimament deciz li din it-talba titressaq ghad-diskussjoni fil-laqgha tal- Kumitat Kongunt Tramuntana li jmiss. Ill-hinijiet li fihom ghandu jinghata s-servizz huma mis-7.00am sad-8.00am. L-ewwel gimgha s-servizz jinghata t-Tnejn u l-Hamis u l-gimgha ta’ wara t-Tlieta u l-Gimgha.

**9.4** Il-Kunsillier Alfred Muscat informa li diversi klieb qed ikun fl-inhawi ta’ Triq Santa Katerina. Gie unanimament deciz li ninfurmaw lis-Sur Mario Spiteri dwar dan.

**9.5** Is-Sindku nforma li hemm bzonn li Kunsillier jiehu hsieb li jattendi ghas-seminars tal-MEUSAC ghax dawn huma importanti sabiex jingibu fondi mill-EU. Il-Kunsillier Pio Fenech offra li jibda jattendi. Dan gie unanimament approvat mill-Kunsill.

**9.6** Il-Kunsillier Alfred Muscat informa li l-haddiema tal-gvern li qeghdin jahdmu fit-Torri tas-Semaforu qalulu li kien hemm bzonn tinxtara katusa tac-caqquf. Gie unanimament approvat li din tinxtara.

**9.7** I-Agent Segretarju talbet li tinxtara sandwich toaster billi fil-kcina tal-ufficcju mhemmx facilitajiet fejn wiehed jista’ jaghmel toast jew isahhan l-ikel. Gie unanimament approvat li din tinxtara.

**9.8** Il-Kunsillier Alfred Muscat issuggerixxa li jitwahhlu zewg tabelli ta’ ‘Merbha Gharghur’ f’zewg entraturi ghar-rahal minn naha ta’ Sqaq il-Hofra u minn naha tal-Maghtab. Gie unanimament approvat li dawn jitwahhlu.

**9.9** Il-Kunsillier Michael Mifsud issuggerixxa li hdejn it-torri tas-semaforu titwahhal tabella li tkun tinkludi mappa tar-rahal kif ukoll informazzjoni dwar il-lokalita’ Hu issuggerixxa li jsir disinn ta’ din it-tabella sabiex jigi ikkunsidrat mill-Kunsill. Dan gie unanimament approvat.

**9.10** Il-Kunsillier Alfred Muscat qal li hu rcieva informazzjoni li hemm ghaqda li hi interessata li tibda taghmel uzu mis-Searchlight Battery. Il-Kunsillier Michael Mifsud ippropona li l-kunsill jiehu d-devoluzzjoni ta’ dan il-post u wara jghaddih lill-privat sabiex jigi operat fuq bazi kummercjali bhal per ezempju isir cafe jew restaurant jew spa. Is-Sindku qal li hu ma jaqbilx ma din il-propost u jhoss li jkun ahjar li jew il-Kunsill jitlob id-devoluzzjoni tal-post sabiex isir uzu minnhu bhala parti mill-hidma tal-Kunsill jew inkellex sabiex jintuza minn xi NGO li tkun ta; beneficcju ghal-lokalita’ taghna. Wara diskuzzjoni gie unanimament deciz li l-Kunsillieri Michael Mifsud u Pio Fenech jiehdu hsieb l-applikazzjoni u d-dokumenti mehtiega sabiex issir talba ghad-devoluzzjoni skond kif kien gie approvat is-sena l-ohra. Meta dawn id-dokumenti ikunu lesti il-Kunsill jikkunsidra mill-gdid il-possibiltajiet ta’ uzu li jista jsir minn dan il-post.

**9.11** Gie unanimament deciz li jsir patching fi Triq Ghaxqet l-Ghajn u Triq Santa Katerina u ghalhekk ghandhom jinxtraw il-boroz ta’ IRR skond il-htiega minghand il-Bitmac.

GHARGHUR

# KUNSILL LOKALI GĦARGĦUR

**Triq San Nikola, Gharghur GHR 1162**
**Tel : 2141 4111 Fax : 2141 2626 Mobile : 7941 4111**
**Email : gharghur.lc@gov.mt Website : www.gharghur.gov.mt**

***Il-laqgha ntemmet fid-9.15 p.m. Laqgha ohra ssejhet ghal nhar it-Tlieta 24 ta' Frar 2009 fis-6.00pm.***

| | | |
|---|---|---|
| Mario Gauci | Mary E Azzopardi | |
| Sindku | Agent Segretarju | Data |